

[Dan il-messaġġ awtorizzat qiegħed jintbagħat mill-Bank Ċentrali Ewropew]

Numru ta' Referenza tad-Debitur Tariffarju:

Isem id-Debitur Tariffarju:

Jekk jogħġbok uża din il-[link](#) jekk tixtieq taqra l-ittra b'lingwa oħra.

Għażiż/a Sinjur/a,

Qegħdin niktibulek fil-kapaċità tiegħek ta' debitur tariffarju rreġistrat mal-[portal onlajn tat-tariffi superviżorji](#) tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE). Wara r-reviżjoni tar-[Regolament tal-BĊE dwar it-tariffi superviżorji](#) mill-1 ta' Jannar 2020 daħal fis-seħħ il-qafas tariffarju ġdid. Nixtiequ ninfurmawk dwar iċ-ċiklu tariffarju tal-2020 u kif dan jaffettwak.

Tibdil ewlieni għall-perjodu tariffarju 2020 'il quddiem:

- **It-tariffi ser jiġu imposti ex post fuq il-bażi ta' spejjeż attwali:**
Il-BĊE se jippubblika l-ammont totali li għandu jinġabar għall-2020 fl-ewwel trimestru tal-2021, u jiġbor it-tariffi fit-tieni trimestru.
- **It-tariffa minima għal istituzzjonijiet iżgħar inqas sinifikanti (LSIs) ser titnaqqas bin-nofs.**
Biex tkun eliġibbli, LSI għandu jkollha assi totali ta' €1 biljun jew inqas fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni
- **Il-BĊE ser juża mill-ġdid dejta superviżorja eżistenti għall-fatturi tariffarji meta jkun possibbli,** u b'hekk titneħħa l-ħtieġa għal proċess ta' ġbir tad-dejta separat għall-maġġoranza tal-banek.
- **Ittra tal-maniġment tkun aċċettata minflok verifika tal-awditur bħala mezz ta' ċertifikazzjoni tal-assi totali għal friegħi li jħallsu t-tariffa.**
- **Avviżi tariffarji ser ikunu disponibbli fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE.**

Il-qafas il-ġdid tariffarju jfisser skeda ta' żmien ġdida u xi bidliet fir-responsabbiltajiet tad-debituri tariffarji kif ġej:

1. Sat-30 ta' Settembru 2020 id-debituri tariffarji kollha huma mitluba:

- jiżguraw li d-dettalji ta' kuntatt miżmuma taħt il-[portal onlajn tal-BĊE](#) huma korretti. Hu essenzjali li żżomm id-dettalji ta' kuntatt tiegħek aġġornati, b'mod partikolari l-indirizz tal-email tiegħek, billi l-BĊE jikkomunika mad-debituri tariffarji bil-posta elettronika. Meta tiċċekkja d-dettalji ta' kuntatt tiegħek, għandek ukoll tivverifika, tibdel jew taġġorna d-dettalji tal-metodu ta' ħlas (IBAN u BIC) jekk tixtieq li t-tariffi superviżorji jiġu ddebitati direttament mill-BĊE. Jekk tkun trid taġġorna l-isem tal-entità legali tiegħek, jekk jogħġbok ibgħat email lil SSM-fee-enquiries@ecb.europa.eu;
- ipprovi n-notifika ta' debitur tariffarju (applikabli għall-grupp bankarju taħt superviżjoni) fil-każ li grupp bankarju ġdid jkun ġie stabbilit jew f'każ li jkun hemm [bidla](#) fl-istruttura tal-grupp relatata mal-kap tal-grupp jew id-debitur tal-ħlas innominat permezz tal-[formula ġdida ta' notifika ta' debitur tariffarju](#). Il-formola ta' notifika ta' debitur tariffarju issa tista' tintbagħat permezz tal-email minflok bil-posta;
- ipprovi lill-BĊE bil-formola ta' notifika relatata mal-intenzjoni biex jiġu esklużi assi totali u/jew skopertura għar-riskju li jikkorrispondu ma' sussidjarji mhux MSU (fejn applikabli). Din in-notifika tiżgura li aħna nkunu konxji minn liema debituri tariffarji nistennew fatturi ta' ħlas f'Novembru 2020, biex jiġi żgurat li l-proċess ta' ġbir jimxi sewwa. In-[Notifika tal-intenzjoni biex jiġu esklużi fatturi tariffarji](#) hija disponibbli fuq il-[website tas-superviżjoni bankarja](#) u lesta biex titniżżel u mibgħuta lura permezz tal-email lill-BĊE.

2. Sal-11 ta' Novembru 2020, fejn ikun applikabli, id-debituri tariffarji huma mitluba:

- jibagħtu l-fatturi tariffarji lill-Awtorità ta' Nazjonalni Kompetenti (NCA). Qabel il-proċedura li tibda fil-ħarifa 2020, id-debituri tariffarji ser jingħataw struzzjonijiet aġġornati dwar kif jissottomettu l-fatturi tariffarji mal-mudelli rispettivi mill-NCA tagħhom. Għal dawk id-debituri tariffarji li xorta għadhom iridu jipprovdu fatturi tariffarji l-proċedura tibqa' ġeneralment l-istess, id-differenza ewlenija hija l-kronoloġija.

3. Jannar 2021: Il-fatturi ta' ħlas għad-debituri tariffarji kollha se jiġu ppublikati permezz tal-portal onlajn tal-BĊE. Id-debituri tariffarji ser ikollhom 15-il ġurnata biex janalizzaw u jikkummentaw dwar il-fatturi tariffarji fil-portal. Għandha tintbagħat email ta' notifika dwar id-

- disponibbiltà ta' fatturi tariffarji fil-portal onlajn tal-BĊE kif ukoll il-perjodu ta' kummentarju ser jintbagħat lill-debituri tariffarji kollha, fil-indirizz elettroniku rreġistrat fil-portal onlajn.
4. **Mejju 2021:** L-avviżi tariffarji ser ikunu disponibbli permezz tal-portal onlajn tal-BĊE. Dawn ser ikunu disponibbli f' lingwa ppreferita tal-UE tad-debitur tariffarju. Dettalji relatati mal-għażla tal-lingwa ppreferita għandhom jiġu kkomunikati f'email ta' notifika separata.
 5. **Ġunju 2021** hija d-data tal-iskadenza għall-ħlas: 35 jum wara l-ħruġ tal-avviż tariffarju.

Iktar dettalji dwar il-qafas tariffarju l-ġdid jistgħu jinstabu fit-taqsimha aġġornata reċentement [Tariffi superviżorji](#) tal-websajt tas-superviżjoni bankarja tal-BĊE, inkluż:

- L-istima tat-tariffa superviżorja annwali fil-Kapitolu 6 tar- [Rapport Annwali tal-BĊE dwar l-attivitajiet superviżorji](#). L-ispiża annwali eżatta tkun magħrufa wara l-għeluq tal-kontijiet għas-sena kkonċernata, li se tiġi ppubblikata f'Marzu 2021 fir-Rapport Annwali tal-BĊE dwar l-attivitajiet superviżorji;
- It-taqsimha aġġornata "[Ikkalkula t-tariffa tiegħek](#)". Din il-paġna fiha informazzjoni Prattika li tippermetti li tiġi kkalkolata t-tariffa individwali annwali għad-debitur tariffarju individwali;
- It-taqsimha [Debitur tariffarju](#) tipprovdi informazzjoni li l-gruppi bankarji għandhom jibagħtu l-formula tan-notifika tad-debitur tariffarju jew verżjoni aġġornata tal-formola, inkluż il-[formola ta' notifika ta debitur tariffarju ġdida](#);
- It-taqsimha [Fatturi tariffarji](#) tagħti dettalji dwar l-użu mill-ġdid tad-dejta superviżorja, inkluż kif tinnotifika lill-BĊE f'każ li l-grupp tiegħek biħsiebu jeskludi assi u/jew ammonti ta' skopertura għar-riskju ta' sussidjarji mhux MSU;
- Dettalji dwar il-ħruġ ta' informazzjoni [relata ma' avviżi tariffarji u ħlas](#);
- Gwida Prattika addizzjonali fit-[Taqsimha tal-mistoqsijiet komuni](#).

Għal kwalunkwe mistoqsijiet dwar l-obbligi tiegħek jew kwistjonijiet oħra li għandhom x'jaqsmu mat-tariffi superviżorji, jekk jogħġbok kkonsulta it-taqsimha dwar it-tariffi superviżorji tal-[l-websajt tas-superviżjoni bankarja tal-BĊE](#). Il-BĊE huwa lest ukoll jipprovdi l-għajnuna meħtieġa, l-aħjar permezz tal-email (SSM-fee-enquiries@ecb.europa.eu).

Tislijiet,

It-tim tal-BĊE – Mistoqsijiet fuq it-tariffi tal-MSU